MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 94/2004

Ir-Reverendu Dun Carmelo Grech .
VS

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

Illi l-att ta' Twelid numru seba' mija u disgha u ghoxrin tas-sena elf disa' mija u wiehed u tletin (729/1931) relattiv ghat-twelid ta' l-attur (Dokument A) huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar missier it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" l-isem indikat bhala "Luigi" huwa skorrett u minflok ghandu jkun "Lorenzo" .

Illi dan l-izball huwa evidenti anki peress li fl-atti tal-mewt ta’ l-istess Lorenzo Grech id-dettalji huma ndikati korrettament (Dok. B) .

Illi inoltre l-istess Att ta’ Twelid huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghal “Taghrif dwar l-omm” fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” l-isem indikat bhala “Francesco Vella’ huwa wkoll skorrett u ghandu jkun “Carmelo Gauci” .
Illi dan l-izball huwa evidenti anki peress li fl-att tal-mewt ta’ l-istess Carmela Grech id-dettalji huma ndikati korrettement (Dok. C).

Illi l-attur jrid li l-att tat-twelid tieghu jigi korrett .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

Previa d-dikjarazzjoni li l-Att tat-Twelid tal-attur numru seba’ mija u disgha u ghoxrin tas-sena elf disa’ mija u wiehed u tletin (729/1931) huwa skorrett, tordna l-korrezzjoni ta’ l-istess billi

(i) fil-parti relattiva ghat-“Taghrif dwar Missier it-Tarbija” fil-kolonna intestata “isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet” l-isem indikat bhala “Luigi” jigi sostitwit bl-isem “Lorenzo” u;

(ii) fil-parti relattiva ghal “Taghrif dwar l-omm” fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” l-isem indikat bhala “Francesco Vella” jigi sostitwit bl-isem “Carmelo Gauci” .

Bl-ispejjez .

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument 'A' l-att tat-twelid numru seba' mija u disgha u ghoxrin ta' l-elf disa' mija wiehed u tletin (729/1931); bhala dokument 'B' certifikat tal-mewt ta' Lorenzo Grech; u bhala dokument 'C' certifikat tal-mewt ta' Carmela Grech .

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-Ligi .
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat ukoll id-degriet taghha tat-tletin (30) ta' Settembru 2004, fejn awtorizzat lill-attur jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' l-ghajnuna legali .

Il-Qorti, wara li semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tac-citazzjoni, peress li din it-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, tiddikjara l-att tat-twelid ta' l-attur numru seba' mija u disgha u ghoxrin tas-sena elf disa' mija wiehed u tletin (729/1931) huwa skorrett .

Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-istess certifikat billi
(i) fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar Missier it-tarbija" fil-kolonna intestata "isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet" l-isem indikat bhala "Luigi" jigi sostitwit bl-isem "Lorenzo" u ;

(ii) fil-parti relattiva ghal "Taghrif dwar l-omm" fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" l-isem indikat bhala "Farncesco Vella" jigi sostitwit bl-isem "Carmelo Gauci" .

Minhabba n-natura tal-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------